**FIT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Avv. Dr Christopher Chircop**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 16 ta' Ġunju 2025**

Talba Numru: 205/2024 CC

**Georgina Bugeja [KI 582591 (M)]**

**Vs**

**Josette Stoilov [KI 332568 (M)]**

**Dragan Stoilov [KI 279699 (M)]**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fil-25 ta' Lulju 2024, fejn l-attriċi talbet li dan it-Tribunal jordna u jikkundanna lil konvenuti sabiex iħallsu lill-istess attriċi s-somma ta' erbat elef, disa' mija u tnejn u ħamsin ewro u wieħed u sittin ċenteżmi(€4,952.61c) rappreżentanti spejjeż ta' ħsarat sofferti mill-attriċi ġewwa l-fond 39, Solaris Flat 11, Triq tal-Qattus, Swatar kaġun ta' xogħol ta' kostruzzjoni mwettaq mill-intimati fil-fond tagħhom sovrappost għal dak tal-attriċi.

Ra r-risposta tal-konvenuti preżentata fis-19 t'Awwissu 2024 fejn fost l-oħrajn eċċepixxew:

1. Illi preliminarjament dan l-Onorabbli Tribunal ma huwiex kompetenti sabiex jisma l-vertenza in kwistjoni stante li kwistjonijiet relatati ma allegat ħsarat ta' propjeta' ta' terzi persuna tirriżulta minn attivita' ta' kostruzzjoni fuq sit kontigwu għandha tiġi riferita għall-

arbitraġġ u dan ai termini tar-regolament 20(2) tar-Regolamenti dwar l-Evitar ta' Ħsara lil Propjeta' ta' Terzi Persuni, L.S 623.06.

Ra li l-partijiet iddikjaraw li m'għandhomx aktar provi xi jressqu u li qed jagħlqu l-provi tagħhom u dan rigward l-eċċezzjoni preliminari.

Ra u semgħa x-xhieda.

Ikkunsidra l-provi dokumentarji kollha.

Ra l-atti proċesswali kollha.

Ra u semgħa it-trattazzjoni finali tal-konvenuti rigward l-eċċezzjoni preliminari.

Ra' n-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi rigward l-eċċezzjoni preliminari.

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza rigward l-eċċezzjoni preliminari.

**Ikkunsidra**

Illi din hija sentenza in parte dwar l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti għat-talba tal-attriċi.

Il-konvenuti jsostnu li dan it-Tribunal ma huwiex kompetenti sabiex jisma l-vertenza in kwistjoni stante li kwistjonijiet relatati ma allegat ħsarat ta' propjeta' ta' terzi persuna li tirriżulta minn attivita' ta' kostruzzjoni fuq sit kontigwu għandha tiġi riferita għall-arbitraġġ u dan ai termini tar-regolament 20(2) tar-Regolamenti dwar l-Evitar ta' Ħsara lil Propjeta' ta' Terzi Persuni, L.S 623.06.

**Ikkunsidra**

Illi huwa evidentament ċar li l-attriċi qegħda titlob li l-konvenuti jkunu kkundannati jħalsuha l-ammont indikat fit-talba tagħha u dan minħabba allegat ħsarat fil-propjeta' tagħha li rriżultat minn attivita' ta' kostruzzjoni fuq sit kontigwu.

It-Tribunal jagħmel referenza għall-affidavit ta' Dr Fiona Galea Farrugia li tokkupa l-kariga ta' Reġistratur taċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta. F'dan l-istess affidavit Dr Fiona Galea Farrugia filwaqt li tagħmel referenza għax-xhieda tagħha tat-3 ta' Gunju 2024 quddiem Qorti oħra, hija kkonfermat li dak kollu li xehdet dakinhar għadu applikabbli.

Minn dik ix-xhieda jirriżulta li ċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta ma jistax jilqa kawża ta' arbitraġġ madatorju ai termini tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 623.06, stante li l-Kap.387. speċifikament ir-Raba skeda tal-istess ma tinkludix il-possibilta' ta' Arbitraġġ mandatorju ai termini tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 623.06.

Ix-xhud ssostni li konsegwentament din l-Leġislazzjoni Sussidjarja la tħaddmet u lanqas tista' titħaddem u fil-fatt qatt ma nfetaħ arbitraġġ mandatorju ai termini tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 623.06.

It-Tribunal isostni li huwa evidentament ċar li fil-mument, persuna ma għandha l-ebda forum ulterjuri fejn tirrikorri fir-rigward ta' kwistjonijiet li għalihom tipprovdi l-Leġislazzjoni Sussidjarja 623.06 u għalhekk minħabba dan il-fatt, it-Tribunal ha jkun qiegħed jiċħad l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti.

**Decide**

**Għaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti fir-risposta tagħhom, u jordna l-prosegwiment tat-Talba.

Bl-ispejjeż riżervati għall-ġudizzju finali.

**Avv Dr Christopher Chircop**

**Ġudikatur**

**Rosanne Piscopo**

**Deputat Reġistratur**